Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14533/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0152(BUD)**

FIN 1081
SOC 711

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Kumitat tal-Baġit |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 14103/23 (COM(2023) 470 final) |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju (FEG/2023/002 BE/Makro)<br>– *Approvazzjoni* |

1. Fit-12 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 15/2023[1]

2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza l-ammont totali ta' EUR 2.83 miljun taħt il-FEG bi tweġiba għal applikazzjoni mill-Belġju biex il-Fond jintuża wara li ħaddiema ġew issensjati f'Makro Cash & Carry Belgium NV, sabiex tingħata assistenza għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-421 benefiċjarju fil-mira, skont ir-Regolament (UE) 2021/691[2].

[1] Dok. 14105/23.
[2] Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2023 u seta' japprovaha.

4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 14534/23.